MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 96/2014

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Cassar Charmaine**
**ID No-465777(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija, tlett ewro u sebgha u sebghin centezmu (€403.77c) in konnessjoni ma’ Bundle 1 Service Agreement (AC40172305) u li jinkludi telefon 21821504 u servizz ta’ televizjoni 1425118666, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 21 ta’ Marzu, 2011.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 448/13, u bl-imghaxijiet legali sa mill-21 ta' Frar, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti pprezentati mal-Avviz tat-Talba u li gew immarkati minn Dok.'A' sa Dok.'D'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija, tlett ewro u sebgha u sebghin centezmu (€403.77c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------